MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 187/2005

**Joseph Cutajar (ID 781546M)**

**vs**

**Middlesea Insurance plc**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 21 ta' Frar 2005 li giet pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn espona: -

Illi l-attur dahal f'polza ta' assikurazzjoni mas-socjeta` konvenuta, fejn huwa assikura l-hanut minnu gestit ta' tapezzar gewwa Garages D,E,3 u 4 gewwa Trig il-Wied Msida.

Illi l-imsemmija polza ta' assikurazzjoni kienet anke tkopri danni li jistghu jigu sofferti kawza ta' maltemp, tempesti u gharar kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

Illi l-imsemmija polza ta' assikurazzjoni kienet tkopri *"plant and machinery", "stock in trade", "all other stock and goods in trust", "office equipment"* u *"all other contents"* u dan bhala effetti mobbli li kienu jinsabu fil-garaxxijiet hawn fuq indikati fl-ewwel paragrafu tal-premessi odjerni.

Illi fil-15 ta' Settembru 2003 ghamel gharar li kawza tieghu l-attur sofra danni kbar kif ser jirrizulta fil-mori ta' din il-kawza. Peress illi dawn id-danni sofferti minn l-attur jammontaw ghal sittax-il elf, tmien mija u erbatax-il lira Maltin (Lm16,814).

Illi minkejja li interpellati ghall-hlas, inkluz bl-ittra ufficjali datata 26 ta' April 2004, is-socjeta` konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara illi l-attur sofra danni ammontanti ghal sittax-il elf, tmien mija u erbatax-il lira Maltin (Lm16,814) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti fl-incident tal-gharar tal-15 ta' Settembru 2003 gewwa l-garaxxijiet tieghu fi Triq il-Wied, Birkirkara.

2. Tiddikjara illi, s-socjeta` konvenuta assikuratrici tal-attur hija responsabbli ghal hlas tad-danni hekk sofferti mill-attur u dan skont il-polza ta’ assikurazzjoni mahruga a favur l-attur.

3. Tordna lis-socjeta` konvenuta thallas id-danni hekk likwidati, ammontanti ghal sittax-il elf, tmien mija u erbatax-il lira Maltin (Lm16,814) jew somma verjuri stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti, lill-attur.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 26 ta’ April 2004, bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ dawn l-atti,

u b’ hekk is-socjeta` konvenuta minn issa tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kumpanija Middlesea Insurance p.l.c (C 5553) datata 22 ta’ Marzu 2005 (fol 9) fejn esponiet: -

1. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni huma insostenibbli fil-konfront tal-kumpanija assikuratrici eccipjenti *stante* li l-kuntratt ta' assikurazzjoni li fuqha hija bbazata r-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti u li hija l-bazi tal-azzjoni attrici ma tirrendix lill-kumpanija eccipjenti responsabbli ghal hlas tad-danni sofferti mill-attur izda tobbligaha kontrattwalment li tindennizza lill-attur ghal xi telf minnu soffert bhala rizultat tar-riskji assikurati ghat-tenur u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet tal-imsemmi kuntratt ta' assikurazzjoni.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess u l-eccezzjonijiet l-ohra, anke jekk ghal grazzja tal-argument kellu jigi koncess li t-talbiet attrici ghandhom jinftehmu fis-sens li huma talbiet biex l-attur jigi indennizzat skont il-kuntratt ta' assikurazzjoni (haga li ma hijiex ammessa), it-talbiet kif dedotti huma inutili u l-kumpanija eccipjenti ma ghandhiex tbati l-spejjes tal-istess talbiet inutili *stante* li kumpanija assikuratrici eccipjenti sa minn ferm qabel ma nfethet il-kawza odjerna accettat li ghandha l-obbligu kontrattwali u allura r-responsabbilta' li tindennizza lill-attur, dejjem *ai termini* tal-kuntratt ta' assikurazzjoni, ghal telf minnu soffert bhala rizultat ta' maltemp, tempesti u kienet anki offriet somma lill-attur u l-kwistjoni bejn il-kontendenti kienet unikament dwar l-ammont tal-indennizz li ghandu d-dritt jitlob u jithallas l-attur skont il-pattijiet u kundizzjonijiet tal-imsemmi kuntratt ta' assikurazzjoni.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess u l-eccezzjonijiet l-ohra, anke jekk ghal grazzja tal-argument kellu jigi koncess li t-talbiet attrici ghandhom jinftehmu fis-sens li huma talbiet biex l-attur jigi indennizzat skont il-kuntratt ta' assikurazzjoni (haga li ma hijiex ammessa), l-attur irid jipprova t-telf u d-danni li hu effettivament sofra

*stante* li mill-korrispondenza skambjata meta saret il-*"claim"* jidher li parti sostanzjali tal-ammont mitlub *("claimed")* jirrigwarda hsarat f'proprjeta' ta' terzi u mhux tal-attur ghal liema hsarat l-attur m'huwiex responsabbli legalment.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess u l-eccezzjonijiet l-ohra, anke jekk ghal grazzja tal-argument kellu jigi koncess li t-talbiet attrici ghandhom jinftehmu fis-sens li huma talbiet biex l-attur jigi indennizzat skont il-kuntratt ta' assikurazzjoni (haga li ma hijiex ammessa), l-attur irid ukoll jipprova li l-kumpanija assikuratrici eccipjenti hija obbligata *ai termini* tal-kuntratt ta' assikurazzjoni in kwistjoni li tindennizza lill-attur in kwantu ghas-somma kollha mitluba fic-citazzjoni attrici, *stante* li mill-korrispondenza skambjata meta saret il-*"claim*" jidher li parti mill-ammont mitlub ma huwiex dovut ghaliex, skont il-kuntratt ta' assikurazzjoni u partikolarment skont il-kundizzjoni li tirrigwarda dak li komunement jissejjah *"average",* l-ammonti mitluba *("claimed")* mill-attur iridu jigu aggustati meta jkun hemm *"under insurance",* kif jirrizulta li kien hemm *ex admissis* fl-assikurazzjoni in kwistjoni u ghaldaqstant l-ammont mitlub fic-citazzjoni ma jirrispekkjax l-ammont dovut skont il-kuntratt ta' assikurazzjoni;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta biex tinsetma' quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci ghas-seduta tas-6 ta' Lulju 2005.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta (fol 230) fejn il-Qorti rat l-atti kollha tal-process u rat li l-proceduri ta' qabel is-smigh inghalqu, u ordnat li l-kawza titqieghed fuq il-lista ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2006 ghat-trattazzjoni u sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-attur datata 30 ta' Ottubru 2006 a fol 235 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-kumpanija konvenuta datata 30 ta' Novembru 2006 a fol 242 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2006 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-attur iddikjara li m'ghandux xi jzid mas-sottomissjonijiet maghmula. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2007; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tat-12 ta' Dicembru 2012 fejn il-kawza baqghet ghas-sentenza ghas-16 ta' Mejju 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b' ordni ta' din l-istess Qorti din il-kawza giet differita ghat-3 ta' Ottubru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-attur ipprezenta din l-istanza sabiex jottjeni kumpens mis-socjeta` assikurattiva konvenuta ghad-danni li hu sofra fil-hanut minnu gestit ta' tapezzerija b'konsegwenza ta' gharar li sehh fil-15 ta' Settembru 2003. Ghalhekk talab li in forza tal-polza tieghu jigi rizarcit tad-danni sofferti ammontanti ghal Lm16,814 .

Is-socjeta` konvenuta eccepiet li permezz tal-kuntratt ta' assikurazzjoni, hija biss obbligata li taghmel tajjeb ghat-telf soffert mill-assikurat taghha bhala rizultat tar-riskji assikurati kif imfissra fl-istess polza, u mhiex responsabbli biex taghmel tajjeb ghad-danni kollha sofferti kif pretiz mill-attur. Is-socjeta` konvenuta sahqet li ma tammettix li t-talbiet attrici, kif dedotti, jistghu jiftehmu bhala talbiet ghall-indennizz skont il-kuntratt ta' assikurazzjoni. Minghajr pregudizzju, huma jghidu wkoll li r-

responsabbilta' kuntrattwali taghha skont il-kuntratt ta' assikurazzjoni gja giet ammessa mis-socjeta` konvenuta qabel ma giet intavolata din il-kawza u ghalhekk m'ghandhiex tbati ebda spejjez ghall-talbiet li saru inutilment. *Inoltre* parti sostanzjali mill-ammont mitlub *("claimed")* jirrigwarda hsarat fi proprjeta` ta' terzi, u ghalhekk ma jistghux jintalbu mill-attur. Aparti dan kollu premess, skont il-kuntratt ta' assikurazzjoni, u partikolarment skont il-kundizzjoni li jirrigwarda *"average",* l-ammonti mitluba *("claimed")* mill-attur iridu jigu aggustati meta jkun hemm *"under insurance".*

Is-socjeta` konvenuta esebiet il-polza ta' assikurazzjoni li kien jkopri lill-attur immarkat bhala " **Dok. MS1"[1]** kif ukoll zewg ittri datati l-4 ta' Marzu 2004 (**DOK. MS1 2)** mibghuta mill-kumpanija **MSB Valletta Ltd**. (*loss adjusters u surveyors)* inkarigati minnha, u ittra ufficjali responsiva tat- 3 ta' Mejju 2004 **(DOK MS1-3).**

**IL-POLZA TA' ASSIKURAZZJONI**

Il-polza ta' assikurazzjoni hija kuntratt li torbot lill-partijiet u hija vinkolanti bejn il-partijiet.[2] Gie ritenut li "*l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).

Illi f'dan ir-rigward l-**artikoli 1002 u 1003 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta)** jipprovdu illi:-
*"Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni";*

Illi ma hemm l-ebda dubju li din il-kawza titratta dwar l-applikazzjoni u interpretazzjoni ta' skrittura bejn il-

[1] Din il-polza giet esebita minn Jonathan Cutajar u mmarkata bhala **DOK JC1** (a fol.53)
[2] *F'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodici Civili;* ***Carmelo Bajada noe v. Fr. S. Cachia et noe*** *(A.K. deciz 16 ta' Lulju 1973);*

firmatarji u f'dan il-kuntest din il-Qorti tirreferi ghall-principji rilevanti b'referenza ghal dak li nghad fis-sentenza **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. ( RCP) - 30 ta' Novembru 2000) *"ghalhekk hawn japplika l-principju stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 16**, fejn meta l-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skont l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha"* **("Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb" -** A. C. 30 ta' Marzu 1997.

Skont l-**artikolu 1008 tal-Kap 16,** il-klawsoli kollha tal-kuntratt jitfissru l-wahda bl-ohra, billi kull klawsola jinghata is-sens illi jidher mill-att kollu, **("P.L. John Privitera *nomine vs* P.L. Ivo Galea *et"*** - P.A. (C.S.) 11 ta' Mejju 1988**)**

Ukoll gie ribadit li **"***Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jaghtu lill-kliem li jiswa imma dak li huwa importanti hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jorbot "(**J. Zammit v. Michael Zammit Tabone et noe** – Appell Superjuri deciz 28 ta' Frar 1997).*

Ikkonsidrat li ezami tal-klawsoli tal-polza hija materjali ghad-determinazzjoni tad-drittijiet u obbligazzonijiet vigenti bejn l-assikurazzjoni u l-assikuratur.

Din il-polza tkopri l-perjodu bejn is-26 ta' Ottubru 2002 sal-25 ta' Ottubru 2003 u ghalhekk kienet vigenti meta sehh l-gharar. Il-polza tkopri diversi sezzjonijiet taht it-titlu "***Trade Contents" (****Section I)* li jirreferi ghal: - "*Plant & Machinery; Stock in Trade; all other Stock & Goods in Trust; Office Equipment; All other contents*," u dawn sew jekk huma "*property of the insured"* sew jekk huma "*held in the care, custody and control of the Insured whilst contained on the (insured) premises."* "*Property Insured"* iffisser "*All Trade Contents belonging to the Insured or for which he is responsible in or on the premises...."*

## PROVI PRODOTTI

Xehed **Jonathan Cutajar**[3], iben l-attur, li kkonferma li sehhet maltempata kbira fil-15 ta' Settembru 2003 u l-hanut ta’ missieru, Garage 'D', bl-isem *Joe Cutajar Upholstery,* f'Valley Road l-Msida, garrab hsarat peress li kien ghereq, u li sabu kollox distrutt. Skont ix-xhud il-polza taghhom kienet regolata bil-*Commercial Plan* esebit bhala **DOK JC1** (a fol.53)[4] fejn l-polza kienet diviza fi tliet sezzjonijiet rispettivament "*plant and machinery", "stock in trade*" u "*all other goods and stock in trust, office equipment, other contents."*

Ikkonferma li kien gie *surveyor*, certu Noel Saliba, mibghut minn MSB Valletta Ltd. Kien qalilhom biex jigbdu l-kontijiet, ihallsu lil terzi u jzommu ricevuti. Hu xehed li meta bdew jaghtuh il-prezzijiet, kien beda jigbed kollox ghad-dritt u qalilhom li kien ser jghinhom biex jurihom kif kellhom jinxurjaw darb'ohra. L-ammont li wasal ghalih ta' Lm4,150.85, peress li kienu *under insured* , kien ferm inqas mid-danni realment sofferti ta' Lm16,814.

Hu kien sorpriz wkoll li l-assikurazzjoni ma kinetx ser tkoprihom ghall-hsarat lil terzi peress li ma kienx jimmagina x'kien ser jigri kieku kkonsenjaw l-affarijiet imfarrka lill-klijenti taghhom. Huma qalu lil Noel Saliba li kienu assikurati fuq *third party property* ghal Lm52,000.

Gie esebit prospett ta' danni kkagunati lill-proprjeta' ta' terzi, li bazikament kienu oggetti li kienu fil-hanut ghall-riparazzjonijiet u ghax-xoghol, ammontanti ghal Lm6,969.[5]

**In Kontro ezami** qal li ma hax parir qabel ma hallsu lil terzi. Qal ukoll li Noel Saliba kien qed jgholli l-prezzijiet bl-amment.

Xehedet **Lucienne Cini** rapprezenanti tas-socjeta` konvenuta[6] u qalet li '*goods in trust*' huma *covered* sa

[3] Affidavit a fol.43 et.seq. tal-process.
[4] Polza ta’ assikurazzjoni esebita wkoll mis-socjeta` konvenuta bhala **DOK MS1 1.**
[5] Fol.89 tal process.

Lm52,000. Il-'*liability*' taht il-polza, izda,tkopri biss ir-responsabbilta' legali li ghalih ikun responsabbli l-attur kif jinghad fis-section 5 tal-polza dwar '*Third Party Liability*': "*The company will indemnify the insured against all sums for which the insured shall become legally liable."*

Xehed **Noel Saliba**[7] qal li ma kienx hemm kontestazzjoni fuq l-ircevuti imma fuq ir-responsabbilta` legali tal-assikurat lejn terzi.

Xehdet **Denise Condorato**[8] ghas-socjeta` konvenuta u kkonfermat li huma ma rrifjutawx il-*claim* ghajr ghall-parti li jidhrilhom li mhix koperta bil-polza. "*Dawk kienu l-ammont li qed jigu 'claimed' taht is-sezzjoni tat-terzi u ammonti ohra li jidhrilna li mhumiex koperti minhabba 'under insurance.*" Skont l-assikurazzjoni, ma hemm ebda responsabbilta' tal-assikuratur ghad-danni kkagunati lit-terzi ghaliex l-assikurat mhux obbligat li jaghmel tajjeb ghall-hsarat ikkagunati minn *force majeure.*

Rigward il-valuri assikurati, qalet li dawn il-valuri gew mghoddija lill-assikuratur mill-klijent stess abbazi ta' dak li jidhirlu li jkollu normalment fil-garaxx. Il-*premium* li kien ihallas l-attur qabel l-incident ma kienx oghla minn xi hadd iehor ghax kien joqghod fil-wied. Kien wara l-incident li bdew jirrataw il-poloz skont kemm il-lokalita' tkun esposta ghall-certu riskji izjed minn ohrajn.

Is-socjeta` konvenuta ma kenitx qed tikkontesta l-ammont li l-attur avvicinhom bih.

In **kontro ezami** qalet li ebda wahda mill-valuri moghtija ma kienet tissupera l-ammont assikurat.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**L-Ewwel Eccezzjoni**

---

6 Xhieda fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2005 a fol.178 tal process.

7 Seduta tad-9 ta' Gunju 2006 a fol.205 .

8 Seduta tas-7 ta' Lulju 2006 a fol 224.

Is-socjeta` konvenuta eccepiet li t-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni huma insostenibbli fil-konfront taghha ghaliex hi twiegeb biss ghal dak li hija obbligata tindennizza lill-attur skont il-kuntratt ta' assikurazzjoni b'rizultat tar-riskji assikurati. Mhiex ghalhekk legalment responsabbli ghad-danni *ut sic* subiti mill-attur.

Din l-eccezzjoni mhiex minghajr mertu ghaliex jekk wiehed jikkonsidra t-talba odjerna bhala wahda *ex delicto* allura m'ghandha ebda applikazzjoni fil-konfront tas-socjeta` konvenuta li zgur ma kienet b'ebda mod responsabbli ghall-hsarat imgarrba mill-attur.

Ir-relazzjoni bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta hija biss wahda kontrattwali u l-pern taghhom jinsab fl-istipulazzjonijiet tal-polza assikurattiva applikabbli. Madanakollu minn qari tal-kliem uzati fit-talbiet wiehed jista' jiddesumi li l-attur qed jitlob kumpens <u>skont il-polza</u>, liema kumpens, skont l-attur, ghandu jigi kkalkolat ezattament fl-istess valur tad-danni kollha subiti. Fil-fehma tal-Qorti, dan jincidi fuq il-mertu tal-kawza peress li l-kwistjoni dwar *public liability* u *under insurance* jiddeterminaw l-ammont li l-kumpanija assikurattiva ghandha thallas lill-attur bhala l-assikurat taghha.

Din il-Qorti, anke peress li jidher li s-socjeta` assikurattiva ma gietx pregudikata fid-difiza taghha, ser tittratta din l-eccezzjoni flimkien mal-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-mertu tal-kawza.

**'Public Liability'**

Skont definizzjoni l-iktar bazilari ta' '*Public Liability Insurance*': *" The cover afforded by a public liability policy is normally an indemnity against legal liability to members of the general public as distinct from employees of the assured or members of his family or household."*[9]

Mhuwiex ikkontestat li l-polza ta' assikurazzjoni kienet tkopri telf jew danni fil-proprjeta` assikurata minhabba

[9] *Halsbury's Laws of England* Vol.22 para 710.

'*storm tempest or flood'.* Huwa minnu wkoll li jirrizulta mis-*Schedule* tal-polza esebita a fol. 38 u 39 tal- process taht l-elenku ta' proprjeta` koperta fit-terminu '*trade contents',* hemm inkluzi '*all other stock and goods in trust in the property of the insured or held in the care, custody or control of the insured whilst contained in the premises described above,' (il-garaxx in kwitsjoni).* Skont is-socjeta` assikurattiva izda d-definizzjoni ta' proprjeta` assikurata li tinsab fil-polza tispecifika li huma koperti *all trade contents belonging to the Insured* <u>*or for which he is responsible*</u> *in or on the premises."*

Ukoll taht is-sezzjoni 5 tal-polza intitolata *public liability*, l-artikolu dwar l-indennizz jghid li "*The Company will indemnify the insured against all sums which the Insured shall become legally liable to pass as compensation..in respect of...(2) accidental loss of or damage to any property occurring in connection with the business."* Effettivament "*liability Insurance*" jirrimborsa lill-assikurat ghad-danni li jkollu jhallas lit-terzi jekk huwa legalment responsabbli ghalihom. "*Frequently such liability to third parties arises in connection with property and the event which gives rise to the liability may at the same time cause loss of the property."*[10]

Ikkonsidrat li biex wiehed ikopri oggett b'assikurazzjoni, mhux mehtieg li jkun proprjetarju ta' dak l-oggett; basta li jkollu dak li fid-duttrina ingliza hu msejjah bhala "*an insurable interest"*." *Where a person by contract of otherwise is responsible for the safe custody of property; his potential liability to the true owner in such a case may be the foundation in whole or in part, of his having an insurable interest up to the full value of the property."*[11]

Dwar il-kuncett ta' *insurable interest dan* jezisti meta l-assikurat "*may be said to benefit by the continued existence of the property or life insured and will suffer a loss by reason of its damage or distruction"*. L-awtur **Macgivillray fil-ktieb "Insurance Law"** jghid li hemm

[10] *Op.cit. pg 678.*

[11] *North British and Mercantile Insurance Co v London Liverpool and Global Insurance Co (1877) Op.cit. pg 331 n. (l)*

dan l-interess "*where the assured is so situated that the happening of the event on which the insurance money is to become payable, would, as a proximate cause, involve the assured in a loss or diminuition of any right recognised by law or in any legal liability".*

Hekk ukoll il-**Professur John Mamo,** fin-Noti tieghu ghall-istudenti tal-Universita', jinsisti li "*it is not absolute ownership which is required but the existence of a relationship between the person insured and the thing which could be adversely affected by the happening of the risk insured against"*. Sakemm l-assikurat ghandu interess fl-ezistenza tal-oggett jew li dak l-oggett jibqa' fl-istat li hu, huwa jgawdi l-interess mehtieg biex ikun jista' jitlob polza ta' koperta fuq dak l-oggett.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta li l-kontestazzjoni bejn il-kontendenti hija dwar *'third party liability cover'* kif ukoll dwar l-*averaging* li sar minhabba '*under insurance'* u dan aparti l-eccezzjoni generali dwar il-mod kif it-talbiet huma mfissra fic-citazzjoni.

Il-Qorti tikkondividi dak sottomess mis-socjeta` assikurattiva u cioe' li l-polza toffri indennizz ghad-danni li ghalihom l-assikurat huwa <u>legalment responsabbli</u>. Dan hu l-qofol ta' *public liability policy.* Din l-interpretazzjoni hija konformi mal-kliem testwali tal-polza[12] li hija l-kuntratt li tirregola r-relazzjonijiet kontrattwali bejn il-kontendenti.

Fil-kaz odjern, ghalhekk, hu mehtieg li jigi stabbilit jekk l-attur, bhala l-persuna li giet fdata bl-oggetti appartenenti lill-terzi, kellu xi responsabbilta` legali lejhom ghall-hsarat li avveraw (proprju telf tal-oggetti stess minhabba l-gharar). Iktar precizament, din il-Qorti ghandha tezamina l-potenzjal ta' responsabbilta' legali peress li l-attur gja qabad u kkumpensa lil dawn it-terzi minn rajh u minghajr l-awtorizzazzjoni jew adezjoni tas-socjeta` assikurattiva. Il-

---

[12] **Section 5** tal-polza dwar *Third Party Liability*: *"The company will indemnify the insured against all sums which the insured shall become legally liable."*

Qorti m'ghandha ebda dubju li agixxa *in bona fede,* b'onesta' u b'responsabbilta' ammirevoli lejn il-klijenti tieghu, izda sfortunatament, dawn il-valuri, li jisthoqilhom l-akbar rispett, ma humiex necessarjament ippremjati bil-polza mertu ta' din il-kawza.

**Il-kuntratt ta' Depozitu**

Il-kuntratt ta' depozitu jinvolvi t-tqeghid ta' haga f'idejn haddiehor bl-obbligu ta' dan li jharisha u li jroddha lura *in natura* meta jintalab li jaghmel dan[13].

Hu pacifiku li *"Id-depozitarju ghandu fil-kustodja tal-haga taht depozitu, jiehu hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta' hwejgu ." (**art. 1899 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.)*** Dan hu l-istess kriterju *uti in rem suam* preskritt mill-Kodici Civili **fl-artikolu 1132** ghall-ezekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet in generali, cioe' li d-depozitarju ghandu jezercita' d-diligenza tal-*bonus paterfamilias.* Izda hu ma jwegibx ghall-accidenti li jsehhu b'forza magguri sakemm ma jkunx tnikker biex irodd lura l-haga lil min ikun talabielu lura.[14] Hu ghandu ibati ghal hsarat li javveraw fil-haga depozitata htija tieghu.[15]

Illi jitqies li haga depozitata tkun intilfet b'forza magguri jekk kemm-il darba jintwera li d-depozitarju ha l-passi kollha mehtiega u ragjonevoli biex il-haga depozitata tkun tqieghdet fiz-zgur.[16]

Indubbjament l-gharar li kkagunaw din il-herba kollha jigu kwalifikati taht eventi ta' *force majeure* li ghalihom l-attur ma jistax jitqies responsabbli legalment. Madanakollu l-attur kien intempestiv meta hallas lil terzi u assuma hu r-responsabbilta` ghad-danni minghajr ma ha hsieb jaccerta l-pozizzjoni legali tieghu skont il-polza assikurattiva jew minghajr il-kunsens antecipat tal-assikurazzjoni.

---

[13] **Art. 1891 Kap.16**

[14] **Art. 1901 Kap.16**

[15] **Art. 1904 Kap.16**

[16] Kum. dec. 26 ta' Settembru 1979 fil-kawza **"Nut. Joseph Vella Galea v Anglu Azzopardi et "**(mhux ippubblikata).Ara **ukoll l-art. 1029 tal**-Kap.16.

Is-socjeta` assikurattiva ssostni korrettament li fl-assenza ta' dispozizzjoni legali ta' *strict liability*, m'ghandhiex tkopri il-valur imhallas mill-attur.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, it-tezi mressqa mis-socjeta` assikuratrici hija korretta legalment u mhix tenuta taghmel tajjeb ghall-hlasijiet li ghamel l-attur lill-klijenti tieghu ghat-telf li garrbu fil-proprjeta' taghhom minhabba l-gharar.

***Under Insurance* u *Average***

Il-polza ta' assikurazzjoni, taht is-sezzjoni intitolata ***Trade Contents*** tistipula li "*Each Sum Insured is declared to be subject to Average that is to say that if the Property Insured hereby at the time of any Destruction Damage or Loss be collectively of greater value than the Sum Insured thereon then the Insured shall be considered as being his own insurer for the difference and shall bear the ratable share of the loss accordingly."*

Din il-klawsola hija *self explanatory* u, kontrarjament ghal dak sottomess mill-attur, timpedih milli jirkupra l-valur shih tad-danni sofferti. L-effett ta' din il-klawsola hija li l-assikurat jassumi hu r-riskju ghad-differenza fil-valur dikjarat u dak reali tal-oggetti assikurati. L-assikurat huwa *his own insurer* fir-rigward ta' din id-differenza u bhala konsegwenza l-assikurat "*is to bear a rateable portion of the loss.*"[17]

L-attur baqa' isostni li ghandu dritt ghall-kumpens tal-valur shih tal-proprjeta` assikurata minghajr tnaqqis. Huwa minnu li l-ircevuti li esebixxa ma gewx ikkontestati tant li kienu l-bazi tal-kalkoli li saru mis-*surveyor* Noel Saliba sabiex wasal ghall-aggustamenti dovuti bl-applikazzjoni tal-*average* (**DOK MS1-2** mibghut lill-attur) fejn, abbazi taghhom, wasal ghall-ammont ta' Lm4,150.85. Dan l-ammont gie kkalkulat fuq il-valuri tal-*Plant & Machinery u Stock in Trade*. Apparti dawn il-kategoriji, s-socjeta` assikurattiva offriet kumpens ghad-danni subiti fl-o*ffice*

[17] *Halsbury's* op.cit. p .268

*equipment* u fil-hanut stess. Dawn l-ahhar tnejn mhumiex ikkontestati.

Is-sistema ta' kalkolu tal-'*average'* ma giex ikkontestat mill-attur li kkontesta biss l-applikazzjoni stess tal-'*average'* u din il-Qorti m'ghandha ebda raguni ghaliex ghandha tiskarta l-kalkolu ta' aggustament li ghamel is-*surveyor.*

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta in kwantu kompatabbli ma' din id-decizjoni u, per konsegwenza **tilqa'** it-talbiet tal-attur biss limitatament skont is-segwenti billi: -

**1.** **Tilqa'** l-ewwel talba attrici in kwantu li, fil-konfront tas-socjeta` konvenuta, id-danni subiti huma biss il-valur tal-indennizz dovut minnha lill-attur taht il-polza ta' assikurazzjoni *de quo* liema ammont qed jigi likwidat fis-somma ta' disat elef, sitt mija u tmienja u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€9,668.87) (gja Lm4150.85);

**2.** **Tilqa'** it-tieni talba attrici limitatament fis-sens li s-socjeta` konvenuta hija biss responsabbli ghall-indennizz li jirrizulta mill-polza tal-assikurazzjoni fl-ammont hawn fuq likwidat;

**3.** **Tilqa' it-tielet talba attrici** limitatament fis-sens li tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-attur din is-somma hekk likwidata ta' disat elef, sitt mija u tmienja u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€9,668.87) bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-26 ta' April 2004 sad-data tal-pagament effettiv, bhala l-indennizz dovut fuq il-polza ta' assikurazzjoni.

L-ispejjez kollha jigu sopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------